# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 365/15 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Maltaipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 857/15 fl-ismijiet:**

**Equipment Hire Limited (C18588)**

**Vs**

**Wayne Zammit**

**U**

**John Azzopardi**

**Illum 8 ta' Frar, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn John Mary Azzopardi (623760M) ai termini tal-Artikoli 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

Illi fit-2 ta' Gunju, 2015 is-socjeta' Equipment Hire Limited ipprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ittra gudizzjarja ai termini tal-Artikolu (166A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kontra certu Wayne

Zamit u r-rikorrenti John Azzopardi (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. A);

Illi r-rikorrenti, wara li giet debitament notifikata martu b'din l-ittra gudizzjarja, ma pprezentax risposta, u l-ittra ufficjali *de quo* giet fil-fatt reza ezekuttiva kontra l-imsemmi;

Illi nhar l-24 ta' Novembru, 2015 is-socjeta' Equipment Hire Limited ipprezentat mandat ta' sekwestru bin-numru 2578/15, liema mandat, sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors kien ghadu ma giex notifikat ufficjalment lill-esponent (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. B'), ghalkemm l-esponenti sar jaf bih tramite l-bank tieghu;

Illi ghaldaqstant, l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-fakoltajiet moghtija lilu permezz tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghed jipprezenta dan ir-rikros sabiex jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett fil-ligi t-titolu ezekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Gunju, fl-ismijiet premessi (Numru 857/15), u konsegwentement kull mandat li hareg in segwitu ta' din l-ittra, inkluz il-mandat ta' sekwestru pprezentat fil-Qorti tal-Magistrati fl-istess ismijiet bin-numru 2578/15.

Illi dan ir-rikors qed isir entru t-terminu koncess permezz tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkonferixxi kompetenza specjali lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u jipprovdi testwalment illi:

*"Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm opposizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) Li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) Li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors ghandu jigu appuntat ghas-smiegh fi zmien gimghatejn."*

Illi l-esponenti jissottometti illi l-ittra ufficjali *de quo* ma tissodisfax il-htigijiet stipulati fis-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet;

Illi l-imsemmi subartikolu jipprovdi testwalment illi:

*"Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba".*

Illi l-esponenti jissottometti illi l-ittra ufficjali de quo ma tikkontjenix b'mod car, ir-raguni li fuqha qeghda msejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

Illi s-socjeta' rikorrenti, fl-ittra ufficjali de quo, tiddikjara semplicement illi l-ammont reklamat *"in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda"*.

Illi l-esponenti **m'ghandu l-ebda relazzjoni ta' l-ebda tip mas-socjeta' ezekutanti u la jaf min huma u lanqas biss qatt kera xi ghodda minghandhom;**

Illi inoltre, mal-intimat l-iehor Wayne Zammit, l-esponenti qatt ma kellu x'jaqsam hlief ghall-fatt li l-imsemmi Wayne Zammit wettaq xi serqiet mill-hanut tal-esponenti u fost ohrajn seraqlu l-kara tal-identita';

Illi konsegwentement u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jissottometti, illi d-dikjarazzjoni li tikkontjeni l-ittra ufficjali de quo ma tissodisfax dak rikjest mill-Artikolu 166A(2) u dan peress illi tali dikjarazzjoni certament ma tistax tirrinkwadra f'dak li l-Qrati taghna rritenew bhala **raguni cara** li fuqha qeghda tigi (1) imsejsa t-talba u (2) li fuqha ghandha tintlaqa' t-talba, flimkien ma (3) dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

Jghid illi s-socjeta' intimata naqset milli tipprovdi dettalji essenzjali sabiex tigi identifikata t-talba per se, bhad-data meta allegatament giet mikrija l-ghodda u minn min. Aghar minn hekk is-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta mal-ittra gudizzjarja de quo, u in sostenn tat-talba taghha, dokumenti bhala kuntratt jew invoice iffirmata, u r-rikorrenti jissottometti li huma essenzjali sabiex jigu sodisfatti d-dettami tal-Artikolu 166A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi f'dan il-kuntest, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *'**Perit Edwin Mintoff vs Lawrence Pisani et**'* (Avviz numru 267/2010) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 ta' Awissu, 2012, fejn il-Qorti rriteniet illi r-raguni il-ghala ghandha tintlaqa' t-talba kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatt in sostenn tat-talba **ma tistax tkun prezunta izda attwata;**

Illi l-Qorti tkompli tghid illi *"jehtieg li jinzamm fil-perspettiva l-fatt illi din il-procedura specjali giet introdotta fis-sistema guridika taghna bhala rimedju alternattiv ghal sodisfazzjon ta' kreditu permezz ta' citazzjoni jew*

*avviz. Illi ghalhekk **<u>huwa ta' importanza massima li l-kreditur li jaghzel li jadopera din il-procedura, jimxi b'mod rigoruz mad-dettami tal-ligi</u>** u cioe' tal-Artikolu 166A tal-Kap 16, li ma jistiplaw l-ebda formalizmu esagerat u li ghandhom jigu osservati fuq piena ta' nullita';*

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. "Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv miksub mis-socjeta' Equipment Hire Limited (C18588) a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permezz tal-ittra gudizzjarju prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-2 ta' Gunju 2015 (ittra numru 857/15) u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara nulla u bla effett l-imsemmija ittra gudizzjarja prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-2 ta' Gunju 2015 (ittra numru 857/15) u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Konsegwentement tiddikjara null u bla effett kull mandat mahrug in segwitu' tat-titolu ezekuttiv imsemmi u tal-istess ittra gudizzjarju numru 857/15, inkluz il-mandat ta' sekwestru prezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 2578/15.

Salv ghal kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li timpani ulterjorment.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Equipment Hire Limited".

Rat id-digriet taghha fejn ordnat notifika tar-rikors promotur lis-socjeta intimate.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Equipment Hire Limited prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Dicembru 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

"*Illi it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex –*

*a. John Azzopardi jonqos milli jispjega ghaliex ma kienx irrisponda ghall-ittra ufficcjali*
*b. Mhux minnu li ma hemmx raguni cara li fuqha qieghda tigi imsejsa t-talba.*
c. *Illi meta l-ewwel gie infurmat li intuzat l-ID card tieghu ghal kiri ta' ghodda Azzopardi kien qal li l-identity card mhux tieghu. Huwa biss wara li gew involuti l-pulizija li qal li kien hemm serq tal-ID card.*"

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 dan ir-rikors gie differit sabiex ir-rikorrenti jesebixxi nota b'dokument bl-intendiment li wara din is-seduta ir-rikors jithalla ghas-sentenza.

Illi fit-12 ta' Jannar, 2016 xehed **John Mary Azzopardi** li ddikjara li qatt ma kellu x'jaqsam jew innegozja mas-socjeta' Equipment Hire Limited, tant li lanqas jaf bl-ezistenza taghha. Zied li lanqas qatt ma kera xi ghodda. Qal li jaf lil Wayne Zammit peress li dan gieli mar gewwa l-hanut tieghu biex jikri xi films. Sussegwentement jghid illi huwa kien vittma ta' serq mill-fond tieghu, pero' qal li meta kienu marru l-pulizija kull ma kien ra kien kexxun miftuh bla flus. Sostna li lanqas kien induna li kienu hadulu l-Identity Card u l-passaport u kienet l-Ispettura Kylie Borg li nfurmatu li dawn l-oggetti gew misruqa lilu w ghalhekk kien rega' mar l-ghassa w kompla jzid mar-rapport. Qal li in segwitu' kien ircieva ittra ufficjali mahruga mill-Qorti tal-Magistrati, fejn iccara li filfatt kienet ircivietha ommu ghaliex fiz-zmien meta saret in-notifika kien jghix fir-residenza ta' ommu cioe' 35, Saloon, Triq l-1 ta' Mejju, Fleur De Lys, Birkirkara.

Zied li in segwitu' pprova jaghmel kuntatt mas-sid tal-ghodda ghax kien fittex in-numru tieghu minn fuq l-internet. Qal li cempillu kuljum izda qatt ma sabu. Sussegwentement, meta rcieva l-mandat ta' sekwestru, kien mar ghand l-avukat.

Kompla li lil-lavranta tas-socjeta' Equipment Hire Limited kien infurmaha li kienet insterqitlu l-identity card tieghu u din kienet qaltlu illi Wayne Zammit kien mar ghandhom u qalilhom li kien lavrant tieghu, izda jghid li hu wegibhom li dan mhux minnu. Insista li ma ffirma l-ebda dokument relatat ma' dan l-allegat negozju, u dan ghaliex ma kienx jezisti fil-konfront tieghu.

Qal illi ilu fin-negozju madwar hamsa w tletin sena w fil-prezent ghandu hanut bl-elettronics u DVDs. Ammetta li jaf jaqra w allura meta rcieva d-dokument A induna li dan kien mill-Qorti. Qal li filfatt l-ittra kiena qraha hu stess, izda ma hassx li kellu jwiegeb ghaliha. Qal li spjega li hu kien fehem illi kienu qed ikun allegat li huwa kien kerat xi ghodda minghandhom meta filfatt dan ma kienx il-kaz.

Rat illi fil-15 ta' Jannar 2016 ir-rikorrenti ipprezenta nota li permezz taghha ipprezenta kopja tal-PIRS Report mehud mill-Pulizija nhar l-20 ta' Frar 2015 li gie markat bhala Dok JA1.

Rat illi fis-seduta sussegwenti u cioe' nhar l-20 ta Jannar 2016 l-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u ghalhekk dan ir-rikors gie differit ghas-sentenza in difett t'ostakolu.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi f'dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv misjub mis-socjeta' intimata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 u dan permezz ta' l-ittra gudizzjarja pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 2 ta' Gunju 2015 (Ittra Numru 857/15) u dan ai termni ta' l-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 u konsegwentement tiddikjara null u bla effett kull mandat mahrug in segwitu' tat-titolu esekuttiv imsemmi u tal-istess ittra gudizzjarja numru 857/15 inkluz il-Mandat ta' Sekwestru numru 2578/15 prezentat fir-registru ta' din il-Qorti.

Jidher mix-xhieda tar-rikorrenti, li ma gietx kontestata, li Wayne Azzopardi kien midhla tal-hanut tieghu ghaliex kien imur jikri l-videos minghandu, u spicca serqu, tant li r-rikorrenti kien ipprezenta rapport ghand il-pulizija esekuttiva. Fost l-affarijiet li nsterqulu kien hemm id-dokumenti privati tieghu fosthom il-karta tal-identita'.

Jinghad, skond ma rrizultalu wara, li Wayne Zammit kien ipprezenta l-karta tal-identita' tieghu ghand is-socjeta' intimata w iffirma xi kuntratt f'ismu dwar kiri ta' xi makkinarju minghajr ma kien hallas ghalih, tant li s-socjeta' intimata kienet ipprezentat ittra ufficcjali kontra r-rikorrenti odjern kif ukoll kontra Wayne Zammit sabiex tithallas ta' dan is-servizz.

Ir-rikorrenti xehed u qal li huwa qatt ma kien kera xi makkinarju minghand is-socjeta' intimata u ma kien jaf bl-ebda ftehim li gie ffirmat minn Wayne Zammit, fejn sahansitra ntuzat il-karta tal-identita' tieghu.

Ikkonferma fix-xhieda tieghu li verament kien ircieva l-ittra ufficjali li kopja taghha hi esebita fl-atti prezentata mis-socjeta' intimate, pero' peress li ma kien jaf xejn bl-ezistenza tal-allegat kreditu, u cioe' li allegatament kellu jaghti xi flus rapprezenanti kiri ta' ghodda, ma hassx li kellu jmur ghand avukat b'din l-ittra, nonostante l-intimazzjoni miktuba fl-istess ittra. Jghid li huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' intimata. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-okkorrenza mehuda minn PS 830 Christopher Debono sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament kien safa vittma ta' serq. Minn ezami tal-istess jirrizulta li r-rikorrenti nhar l-20 ta' Frar 2015 kien irraporta li kien gie misruq fil-hanut tieghu li jbiegh l-*electronics* gewwa l-Hamrun u li sahansitra anke l-karta tal-identita' tieghu kienet giet misruqa.

Illi minn ezami tal-ittra ufficjali numru 857/15 jirrizulta li s-socjeta' intimata interpellat lir-rikorrenti u lil Wayne Zammit sabiex fi "*zmien hamest ijiem ihallsu s-somma ta' sitt elef u tlett mitt Ewro (€6,300) in konnessjoni ma' kiri ta' ghodda*". Inoltre gew avzati li sakemm l-ghodda tigi ritornata, huma responsabbli sabiex ihallsu lill-mittenti s-somma ta' sitt mija w tletin (€630) fix-xahar. Ir-rikorrenti ghalhekk jghid li ma hassx li kellu jkellem avukat ghaliex huwa ma kien kera l-ebda ghodda w ma

kellux ghodda x'jirritorna peress li huwa qatt ma nnegozja mas-socjeta' intimata w ma kien jaf xejn dwar dan l-allegat negozju. Jghid li mar ghand l-avukat biss meta rcieva l-mandat ta' sekwestru numru 2578/15.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi jirrizulta mill-atti processwali li s-socjeta intimata kienet istitwiet proceduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern u ta' Wayne Zammit skond l-**Artikolu 166A** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi pprezentat l-Ittra Ufficcjali (Numru 857/15) ai termini tas-**Sub-artikolu 2 tal-Artikolu 166A** li jghid:-

"(2) *Il-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficcjali, illi ghandha tkun skond forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b' avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-Registratur jew Prokuratur Legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l- ordinanza dwar il-Kummissjunarji b' setgha li jaghtu l-gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b' mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' , u dikjarazzjoni tal-fatti b' sostenn tat-talba….*"

Issa l-**Artikolu 166A (4)** jistipula x'jigri f'kaz li d-debitur - f'dan il-kaz ir-rikorrenti - ma jwegibx ghad-domanda li saritlu ai fini ta' dan l-Artikolu li jipprovdi s-segwenti:-

"*Meta d-debitur ma jopponix it-talba fi zmien tletin jum min-notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f' parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficcjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficcjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a).*"

Dan hu proprju dak li qed tikkontendi s-socjeta' intimata, li la r-rikorrenti ma kienx wiegeb, allura t-titolu taghha gie rez ezekuttiv.

Illi pero' l-istess disposizzjoni tal-ligi w appuntu s-**sub artikolu (5)** tal-istess disposizzjoni (kwotata mill-intimat fir-risposta tieghu), tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li r-raguni tal-intimat li ma wegibx tkun wahda gustifikata.

Dan is-Sub-artikolu jghid hekk:-

"(5) "*Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, l-Qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b' dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
(ii) *li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3).*"

Issa minn ezami tal-korp tar-rikors promotur u mix-xhieda tieghu stess, ma jirrizultax li r-rikorrenti qed jallega li ma kienx jaf bl-ittra ufficcjali jew li ma kienx gie notifikat kif imiss, u ghalhekk l-ewwel *proviso* ta' dan is-Sub-artikolu 166A (5) zgur li ma japplikax.

Jehtieg ghalhekk li din il-Qorti tezamina dak li hemm provdut fis-Sub-artikoli (1), (2) u (3) ta' l-istess Artikolu 166A sabiex tara jekk jikkonkorrux dawk ic-cirkostanzi.

Skond l-**Artikolu 166A (1)** ir-rikorrenti jista' jaghmel uzu mill-procedura tal-ittra ufficcjali hemm imsemmija-

"*F' azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn cert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeccedi tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin Euro u tlieta u sebgħin centeżmu (€23,293.73), jew dik is-somma l-oħra li tista' tigi stabbilita minn żmien għal żmien b' Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipprocedi*……………

*Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f' Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapacitata skont il-ligi u jekk id-dejn ma jkunx dovut minn eredita adjacenti*"

Jirrizulta minn ezami tal-ittra ufficcjali esebita li r-rekwiziti ta' dan l-artikolu huma sodisfatti, w ghalhekk ghamel tajjeb ir-rikorrenti li applika din il-procedura.

Hu dettat mis-**subinciz (2) ghall-Artikolu 166A** tal-Kodici ritwali illi l-ittra ufficcjali ghandu wkoll ikun fiha, taht piena ta' nullita` "*r-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana -vs- Andrew Mercieca**[1], pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri per Magistrat illum Imhallef Anthony Ellul, u fejn ukoll tqajmet kwistjoni konsimili, inghad dan:-

"*Il-kreditur ghandu obbligu li fl-ittra ufficcjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x' kien jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f' posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f' parti minnha biss ... kellu juri n-natura tax-xoghol li qieghed jitlob il-hlas tieghu, meta sar ix-xoghol, u spjega ta' l-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghtih taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li saru u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas.*"

[1] Deciza fil-15 ta' Frar, 2010.

Issa f'dan il-kaz, jekk wiehed jezamina l-ittra ufficcjali in kwistjoni esebita a fol. 5, jirrizulta bic-car dak li l-mittenti qed jitlob lir-rikorrenti u lil Wayne Zammit, u cioe' n-natura tal-obbligazzjoni (l-hlas ghall-kera ta' ghodda), l-ammont tal-kreditu tieghu (is-somma ta' €6,300) u mil-liema att huwa naxxenti tali dejn. Ghalhekk is-Sub artikolu (2) zgur li gie sodisfatt.

Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li r-rikorrenti kien jaf x'inhi tippretendi s-socjeta' intimate, pero' hass li la fil-fehma tieghu tali ammont mhux dovut u tali obbligazzjoni ma kinitx vera, seta' jaghzel li ma jirrispondix tali ittra ufficcjali.

Jibqa' ghalhekk biss li jigi ezaminat dak li jghid is-**sub inciz (3)** ta' l-istess Artikolu 166A :-

"*L-ittra ufficjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi żmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra uffiecjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficcjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:*"

Illi minn ezami tal-istes ittra ufficcjali a fol. 5 jirrizulta li din l-intimazzjoni nghatat ukoll.

M'hemmx dubbju li r-rikorrenti qed jikkontesta l-ittra ufficcjali fuq ragunijiet ohra, w cioe' fuq il-mertu tal-kreditu, pero' bir-rispett kollu din hija procedura specjali w trid tigi segwita *in toto*, w ma tistax tigi wzata ghar-raguniiet li jidhru xierqa biss lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu zmien ghoxrin gurnata minn meta rcieva l-ittra ufficcjali msemmija datata 2 ta' Gunju 2015 sabiex jirrispondiha, f'liema kaz din l-ittra ma kinitx issir hekk ezekuttiva. Illum ir-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti fir-rikors tieghu sabiex iwaqqaf l-ezekuzzjoni taghha, w dan sabiex ma tibqax tgawdi minn titolu ezekuttiv, huma nfondati.

Bir-rispett kollu dak sollevat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu kien ikun sodisfacenti bhala risposta ghall-ittra ufficcjali kieku saret fit-terminu moghti mil-ligi t'ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficcjali lilu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat li ma jikkonkorru ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 sabiex jimmerita li jigi milqugh ir-rikors odjern ghar-Revoka tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni w il-Mandat ta' Sekwestru numru 2578/15, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnu, kif ukoll tichad it-talba rikorrenti.**

**Spejjez a karigu ta' l-istess rikorrenti.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**